**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Alfredo Mangion u**
**Spettur Clayton Camilleri)**

**kontra**

**Costantino Felice**
**(ID 257586(M))**

Kaz Nru.: 2860/22

**Illum, 15 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat **Costantino Felice** ta' sitta u tletin (36) sena, iben Emanuel u Mary Anne nee' Bugeja, imwieled il-Pieta' nhar it-13 ta' April 1986, residenti gewwa Ghenqba F/H, Triq l-Imdina, Hal Qormi detentur tal-karta tal-identita bin-numru 257586M, akkuzat talli nhar it-28 ta' April 2022, gewwa Hal Qormi u f'dan il-Gzejjer;

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap.101 tal-Ligijeit ta' Malta meta ma kienx fili-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegentement emendati u b I ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kiser il-kondizzjonijiet tal-liberta provizorja impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dott. N.Galea Sciberras LL.D. nhar id-3 ta' Frar 2021 f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Costantino Felice u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 9,500 Euro bhala garanzija personali jghaddu favor il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-impuat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni gew pruvati skond il-ligi.

Illi mill-provi mressqa f'din il-kawza, partikolarment mix-xhieda tal-ispettur Alfredo Mangion jirrizulta li l-imputat instab fil-pussess ta' circa sittin pakkett kontenenti l-ammont ta' circa 26 gramma kokaina. L-imputat instab ukoll fill-pussess ta' Eur. 170 fi flus kontanti. Il-Qorti semghet ukoll lill-imputat jispjega c-cirkostanzi li fihom gie arrestat mill-pulizija.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinsab hati inkluz in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni bikrija. In oltre, ghalkemm fuq ammissjoni, l-imputat ser jinsab hati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu dina l-Qorti ma tistax tordna l-konfiska tal-ammont tal-garanzija stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest galadarba l-istess digriet ma giex ipprezentat fl-atti processwali.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 6 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49, 50 u 579(2) u (3) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni, qeghda

issib lill-qua imputat Costantino Felice hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghal perjodu ta' sena prigunerija flimkien ma multa ta' Eur. 600 li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali **tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Ewro (Eur. 50) fix-xahar**. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali, l-Qori qed tordna r-revoka tal-helsien mill-arrest u per konsegwenza l-arrest mill-gdid tal-imputat fil-proceduri li fihom kien inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) hekk kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fit-3 ta' Frar 2021.

B'referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali, dina l-Qorti qed tichad l-istess galadarba fil-proceduri odjerni ma jirrizultawx li nhatru esperti.

Il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Fl-ahhar net, il-Qorti qed tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-ghan li kopja taghha tigi mghoddija lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja hekk kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fl-atti tal-kawza 688/20.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**